MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 107/2008

**Philip Grima**

**-vs-**

**Chris Grech**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors prezentat minn Philip Grima fit-23 ta' Jannar 2008 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1715/07 fl-ismijiet premessi li jgħid testwalment hekk :

*Illi permezz ta' digriet tat-18 ta' Dicembru 2007 il-Qorti akkordat il-mandat premess billi ordnat l-intimat milli jieqaf jaghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni fis-sit hemm indikat u l-esponenti pprocedew biex jaghmlu kawza sabiex jigu stabbiliti l-konfini tal-propjeta' tal-kontendenti (liema kawza fl-ismijiet premessi ggib in-numru*

*16/2008/GV u hija appuntata ghall-ewwel dehra ghat-18 ta' Frar 2008) ;*

*Illi minkejja li l-intimat Chris Grech, liema intimat huwa s-sid tal-propjeta' in kwistjoni, gie notifikat bil-mandat premess skond il-ligi, u minkejja li inizjalment kien anke ltaqa' mar-rikorrent sabiex jinsab soluzzjoni bonarja, l-intimat xorta wahda baqa' ghaddej bix-xogholijiet in kontravenzjoni tal-mandat qisu xejn ma hu xejn ;*

*Tant li fil-fatt jidher li baqa' jahdem fuq il-hajt divizorju, u skond il-Perit Patrick Camilleri inkarigat mill-esponenti, jidher li qed jahdem anke fuq il-propjeta' tal-esponenti (u dan anke jekk wiehed jikkunsidra l-linja divizorja kif proposta mill-istess intimat) kif jirrizulta mir-rapport hawn anness bhala dokument A ;*

*Illi l-intimat baqa' jippersisti fl-agir illegali tieghu b'hekk li mhux biss mar kontra l-ordni espressa ta' din l-Onorabbli Qorti izda kompla jibni ghad-dannu tar-rikorrenti u sal-lum l-intimat ghadu ghaddej bix-xogholijiet kif jidher mir-ritratti li qeghdin jigu pprezentati ma' dan ir-rikors ;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti jitlob bir-rispett il-protezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u jitlob ukoll li din l-Onorabbli Qorti taghti kull provvediment mehtieg u opportun sabiex l-intimat jieqaf mill-agir illegali tieghu nkluz li tikkundanna l-intimat biex jirrimedja dak kollu li sar bi ksur tal-mandat premess u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jaghmel dawk ix-xoghjolijiet kollha rimedjali li jkunu mehtiega a spejjez tal-intimat u dana ai termini ta' l-Artiklu 873(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez.*

**Rat** id-dokument li kien esebit mar-rikors.

**Rat** ir-risposta tal-intimat Chris Grech presentata fit-30 ta' Jannar 2008 li testwalment tghid hekk :-

*Illi preliminarjament il-mandat ta' inibizzjoni numru 1715/07 huwa null u bla effett stante li ma giex segwit bl-azzjoni opportuna fiz-zmien preskritt mil-ligi.*

*Illi preliminarjament ukoll Chris Grech ma seta' qatt jiddisprezza l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti billi ma ghamel xejn minn dak allegat minn Philip Grima fir-rikors odjern kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

**Qieset** il-provi li tressqu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

**Rat** in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent presentata fit-2 ta' Gunju 2009.

**Semghet** lid-difensur tal-intimat iwiegeb bil-fomm fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2009 ghas-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrent.

**Rat** il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Settembru 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat -**

L-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1715/07 GC fl-ismijiet "Philip Grima vs Chris Grech", li din il-Qorti sabithom allegati mal-atti tar-rikors odjern, huma prova **biss** li fit-18 ta' Dicembru 2007 din il-Qorti diversament presjeduta laqghet b'mod definittiv it-talba tar-rikorrent ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat fit-termini dedotti fir-rikors ghall-hrug tal-istess Mandat.

L-allegata vjolazzjoni da parti tal-intimat ta' dak il-Mandat trid tigi pruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti sabiex tkun tista' tiskatta s-sanzjoni prevista mill-Art.873(4) tal-Kap.12.

**L-unika prova bil-gurament** u allura skond il-ligi li tressqet f'din il-kawza kienet l-istqarrija li ghamel l-intimat fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2008 (fol 11A) meta xehed li l-post indikat mir-rikorrent u li skond ir-rikorrent kien

jappartjeni lilu fil-fatt ma kienx propjeta' tieghu izda tas-socjeta' Knightsbridge Company Limited li taghha huwa kien direttur.

Il-bqija jibqghu **biss** allegazzjonijiet ghaliex xejn aktar ma kien konfermat bil-gurament.

In oltre, f'ebda stadju tal-procedura odjerna, ir-rikorrent ma kkonferma l-kontenut tar-rikors tieghu.

Kif ukoll, ghalkemm mar-rikors ir-rikorrent esebixxa r-rapport tekniku DOK A (fol 3 et seq), huwa naqas li jressaq lill-Perit Patrick Camilleri li rrilaxxja dak ir-rapport sabiex *almenu* jikkonferma l-kontenut tieghu bil-gurament.

U din il-Qorti tghid li ghall-fini tat-talba tar-rikorrent kif dedotta kien essenzjali li dak id-dokument jigi konfermat bil-gurament mill-Perit Camilleri, kif ukoll li l-istess Perit Camilleri jfisser aktar u ahjar dak li kkonstata fuq il-post.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Ottubru 1983 fil-kawza **"Xuereb vs Callus"** (Vol.LXVII.II.153) jekk dokument esebit ma jigix konfermat bil-gurament mill-persuna li tkun irredigiet dak id-dokument ma jiswiex bhala prova tal-kontenut tieghu. F'dak il-kaz partikolari, id-dokument in kwistjoni kien certifikat mediku li kien vitali ghall-intimat sabiex jipprova d-difiza tieghu li fond li kien qed jikri minghand ir-rikorrent ghall-villeggjatura kellu jitqies bhala estensjoni tar-residenza ordinarja tieghu.

Issa din il-Qorti trid tghid li fis-sentenza taghha tal-10 ta' Marzu 2004 fil-kawza **"Allied Insurance Agency Limited noe vs Borg Grech"** il-Qorti tal-Appell Inferjuri ccitat minn sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru 1997 fil-kawza **"Camilleri vs Pillow"** fejn kien inghad li l-konferma bil-gurament mhux rekwizit sine qua non ghall-ammissibilita' bhala prova, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti ghandha tkun libera li taccettahom u li taghmel l-inferenzi li legittimament hu konsentit li taghmel. Pero' din il-Qorti trid tghid ukoll li hemm si trattava ta' skizz preparat

minn surgent tal-pulizija bhala parti mill-investigazzjonijiet tieghu dwar incident tat-traffiku.

Din il-Qorti mhix sodisfatta bl-inerzja totali tar-rikorrent li jsostni l-istanza tieghu. Ir-rikorrent talab li din il-Qorti ticcensura l-agir tal-intimat, u taghtih rimedju, meta fl-istess waqt, huwa stess, bl-aktar mod gossolan u lampanti, naqas ghal kollox milli jqieghed lil din il-Qorti f'posizzjoni li fl-ewwel lok tipprova tifhem l-istanza tieghu, u fit-tieni lok isostni dak li kien qed jallega dwar l-agir tal-intimat.

Minn dan kollu, ir-rikorrent ma ghamel propju xejn.

**Ikkunsidrat –**

B'kuntrast mal-assenza totali ta' provi da parti tieghu, ir-rikorrent ressaq nota ta' sottomissjonijiet elaborata sabiex ighid ghaliex l-intimat fil-kwalita' personali tieghu ghandu jwiegeb ghall-istanza tieghu.

Pero' dak kollu li jinghad mir-rikorrent fin-nota tieghu jista' biss jinghata piz jew konsiderazzjoni minn din il-Qorti jekk ikun fondat fuq provi akkwisiti skond il-ligi.

Din il-Qorti qed issostni dan kollu propju ghaliex ghalkemm min-naha wahda tapprezza l-isforz li sar mid-difensur tar-rikorrent sabiex ihejji nota ta' sottomissjonijiet korretta fil-principju, fl-istess waqt hija nota li ma ssibx l-gheruq tas-sostentament guridiku taghha fil-provi akkwisti. Dwar l-enfasi li saret fin-nota tar-rikorrent li l-intimat ma kienx qed jikkontesta l-fatti avvanzati fir-rikors tieghu, din il-Qorti tghid li l-piz tal-prova li ghandu l-intimat biex isostni d-difiza tieghu tinsorgi ladarba ir-rikorrent min-naha tieghu ikun gab il-prova ta' fatt jew fatti li jsostnu t-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas ta' prova tac-cirkostanzi dedotti mill-intimat biex jikkumbatti l-pretensjoni tar-rikorrent ma tiddispensax lir-rikorrent mill-oneru li adegwatament u skond il-ligi jipprova l-legittimita' u l-fondatezza tal-mertu tal-pretensjoni tieghu li dwarha qed jitlob rimedju mill-Qorti.

**Ikkunsidrat –**

It-talba tar-rikorrent tinkwadra ruhha fl-**Art.873 (4) tal-Kap.12** li jghid hekk -

"**Jekk jigi ppruvat** permezz ta' rikors **ghas-sodisfazzjon tal-Qorti** li wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita agixxiet direttament jew indirettament bi ksur ta' l-ordni tal-Qorti, il-Qorti ghandha, minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-Qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita."

**Ikkunsidrat –**

Din il-Qorti tara differenza ta' **sostanza** bejn is-subinciz (2) u s-subinciz (4) tal-Art. 873 tal-Kap.12.

Ghall-fini tas-subinciz (2), din il-Qorti tghid li sabiex ir-rikorrent jikseb il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni jehtieg li juri zewg hwejjeg : fl-ewwel lok - li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet pretizi minnu ; u fit-tieni lok irid jidher li r-rikorrent ***prima facie*** ghandu dawk il-jeddijiet. Iz-zewg elementi huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat.

Ghall-fini tas-subinciz (4), il-prova li trid il-ligi hija **ferm** aktar incisiva u sostanzjali, u ghandha l-istess qies daqs il-prova fuq bilanc ta' probabilitajiet li tithaddem bhala regola fil-kamp civili. Ghal din il-Qorti, is-subinciz (4) huwa car u ma jnissel l-ebda dubbju dwar il-portata tieghu - *jekk jigi ppruvat ... ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ...*

Fil-kaz in esami, u ghar-ragunijiet diga' moghtija, din il-Qorti tghid li r-rikorrent ma ppruvax b'mod sodisfacjenti l-istanza tieghu kontra l-intimat.

**Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjes kontra tiegħu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------